Ruling moghti mill-Ispeaker Carmelo Abela fis-Seduta 43 tat-18 ta' Novembru 2026 fuq talba għal ksur ta' privileġġ permezz ta' post fuq Facebook

Is-Sedja tagħmel referenza għal talba għal ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Nigel Vella fis-Seduta 38 tas-16 ta' Novembru 2026 dwar dak li l-istess Onorevoli Membru rrefera għalih bħala insult f'post li għamel fuq il-media soċjali tiegħu s-Sur Joseph Farrugia fit-13 ta' Novembru 2026. Kopja ta' din il-post ġiet mogħtija lis-Sedja.

Is-Sedja tinnota li fil-parti l-kbira tal-kitba tiegħu s-Sur Farrugia għamel kummenti li jistgħu jitqiesu li jaqgħu taħt il-libertà tal-espressjoni. Issib oġġezzjoni biss dwar ċertu kliem li jista' jitqies li huwa dispreġjattiv.

Is-Sedja rat il-Kapitlu 113 li hija l-Ordinanza dwar il-Privileggi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, partikolarment l-Artiklu 11(4) u tosserva li l-Onor. Membru kellu kull dritt li jagħmel din it-talba ġaladarba ħassu insultat jew muri nuqqas ta' qima fil-qadi tad-dmirijietu bħala Membru Parlamentari. Dawn il-każijiet fejn is-Sedja tintalab tagħti deċiżjoni dwar meta persuna li mhux membru tal-Kamra tuża ċertu kliem fil-konfront ta' Membru Parlamentari mhumiex ħafna, anzi huma rari. Madankollu dan ma jfissirx li fil-media socjali ma tarax kummenti fil-konfront ta' Membri Parlamentari miż-żewg naħat tal-Kamra li mhux xieraq li jintqalu.

Fir-rigward ta' dan il-każ fejn is-Sedja qed tintalab tagħti l-ġudizzju tagħha dwar jekk ċertu kliem u l-lingwaġġ li ntużaw jammontawx għal *prima facie* ksur ta' privileġġ jew le, is-Sedja tixtieq mill-ewwel tirrileva li meta tqis il-kuntest kollu, is-Sedja ma tħossx li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra. Madankollu s-Sedja mill-ewwel tagħmilha ċara li kien ikun ferm aħjar kieku ċertu kliem u ċertu lingwaġġ ma ntużax.

Bħalma dejjem għamlet is-Sedja qiegħda hawn terġa' tappella għal użu aktar xieraq u rispettuż tal-media soċjali. Is-Sedja tagħraf l-importanza li għandu jsir użu responsabbli minn dan il-mezz ta' komunikazzjoni bi kliem xieraq u mhux b'tgħajjir u insulti. L-għaqal u r-responsabbiltà fl-użu ta' din l-għodda ta' komunikazzjoni tant b'saħħitha, għandna dejjem nisħqu aktar fuqhom. Filwaqt li l-libertà tal-espressjoni għandha dejjem tkun garantita bħala dritt fundamentali, dan l-istess dritt m'għandu qatt jiġi abbużat. Dan japplika wkoll, forsi b'mod partikolari, fil-konfront ta' persuni li kellhom jew għandhom rwol pubbliku u ta' ċertu responsabbiltà.

Il-fatt li l-Membri Parlamentari huma suġġetti għal skrutinju kontinwu minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom ma jfissirx li ghandu jkun aċċettabbli li dan l-istess skrutinju jieħu l-forma ta' tgħajjir jew insulti fil-konfront tal-istess Membri.

F'soċjetà li taspira li tkun eżemplari u aħjar kif ukoll li timxi fit-triq it-tajba, ċertu kliem u tgħajjir ma jwassalx għal dan, anzi. F'dan l-ispirtu s-Sedja tixtieq tesprimi x-xewqa tagħha u tagħmel appell, li b'sens ta' rieda tajba fejn aħna lkoll nixtiequ soċjetà aħjar bil-fatti u mhux bil-kliem biss, is-Sur Joseph Farrugia għandu jagħraf li l-kliem u l-lingwaġġ li ġie użat fil-konfront tal-Onor. Nigel Vella ma kienx feliċi u kien ikun aħjar li ma ntużax għaliex ma żied xejn mal-argument tiegħu u l-messaġġ li ried iwassal.

Is-Sedja tikkonkludi li l-użu ta' ċertu kliem mhux xieraq li jintużaw fil-konfront ta' xulxin bħala soċjetà, aktar jirrifletti ħażin fuq il-persuna li tgħidhom jew tiktibhom milli fuq il-persuna li tkun ġiet suġġetta għalihom. Id-dritt tal-libertà tal-espressjoni u tal-kritika qatt m'għandu jigi abbużat u jinbidel f'tgħajjir dispreġjattiv jew libertinaġġ.

Filwaqt li d-dritt għall-kummenti u l-kritika kostruttiva huma fondamentali f'soċjeta demokratika, l-istess mezzi ta' komunikazzjoni jkunu qed imorru kontra l-interess nazzjonali u l-ġid komuni jekk jintuzaw biex jiġu mgħajra u insultati Membri eletti tal-Kamra dwar dak li jkunu qed iwettqu fl-istess Kamra.

B'dan ir-ruling is-Sedja tixtieq tagħti messaġġ b'saħħtu kontra l-użu tas-social media b'dan il-mod u għalhekk qed tqis dan ir-ruling bħala rimedju fih innifsu.